# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta' Jannar, 2002**

**Appell Nru 143/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Camilleri talli fil-21 t'April, 2001, ghal habta tas-1.15 am, waqt li kien gewwa "El Fuego" li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Giljan hebb ghal Mary Louise Camilleri u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr Andrew P. Zammit MD tal-Gzira *Health Centre*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Mario Camilleri hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu izda lliberatu "taht il-provvediment ta' l-Art. 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Camilleri, minnu ppresentat fl-20 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kwaza tirrigwarda incident li sehh bejn l-appellant u martu fis-sieghat bikrin tal-21 ta' April, 2001 gewwa *nightclub* li jinsab San Giljan u li jgib l-isem indikat fl-imputazzjoni. L-appellant u martu dak iz-zmien ta' l-incident kienu jghixu separati minn xulxin, ghalkemm ma hux car mid-deposizzjoni ta' mart l-appellant, Mary Louise Camilleri – l-unika xhud f'din il-kawza – jekk din is-separazzjoni kienitx wahda *de facto* jew jekk kienx hemm is-separazzjoni bil-qorti. L-imsemmija Mary Louise Camilleri fid-deposizzjoni taghha – deposizzjoni li ma hi kontradetta b'ebda deposizzjoni ohra – tghid li zewgha l-appellant beda

jimbuttaha mal-hajt sa ma fl-ahhar waqghet ma’ l-art u wegghet, u li dan sehh peress li hi rrifjutat li tizfen mieghu kif ukoll li tkellmu (anzi bdiet tinjorah meta huwa beda jinsisti maghha li tirritornalu xi hwejjeg u rigali li huwa kien taha). Skond affidavit maghmul minn Dott. Zammit, li ezamina lill-imsemmija Camilleri aktar tard dik il-gurnata stess, din kienet qed issofri minn grif u tbengil, kif ukoll ugieh fir-rigel tax-xellug.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li ma kienx hemmx provi bizzejjed li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet tkun moralment konvinta mill-htija tieghu. Frankament dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh meta wiehed jikkonsidra li l-unici zewg provi f’din il-kawza kienu d-deposizzjoni mhux kontradetta ta’ l-imsemmija Mary Louise Camilleri u l-affidavit tat-tabib li ezaminaha. A bazi ta’ dawn iz-zewg provi ma kien hemm ebda raguni ghala l-ewwel qorti ma kellhiex temmen il-versjoni ta’ mart l-appellant. Jinghad a skans ta’ ekwivoci, li din il-Qorti – cioe` il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali – kellha wkoll l-opportunita` li tisma’ lil Mary Louise Camilleri u ma tara xejn inkredibbli jew mhux kredibbli fid-deposizzjoni taghha kif qed jippretendi l-appellant. Kif inghad, dana l-aggravju hu wiehed fieragh.

It-tieni aggravju huwa redatt f’termini imhawwda ghall-ahhar. Ma huwiex car, in fatti, jekk l-appellant hux jilmenta li ma kienx hemm l-element materjali tar-reat ta’ offiza hafifa volontarja fuq il-persuna, jew jekk kienx nieqes l-element formali. Donnu ghall-appellant l-elementi materjali u formali tar-reat jiddependu minn jew fuq xulxin, jew b’xi mod johorgu wiehed mill-iehor, meta huwa principju elementari tad-dritt penali li dawn huma zewg elementi separati u distinti. Din il-konfuzjoni jidher li hija gejja mill-uzu, da parti ta’ l-appellant, tal-espressjoni mehuda mid-dritt penali Ingliz *actus non facit reum nisi mens sit rea*[1]. Din il-konfuzjoni tilhaq il-qofol taghha meta l-appellant ighid: “Konsegwentement, ga la darba ma hawnx *actus reus*, l-*animus nocendi*, il-*mens rea* rikjest, huwa nieqes ukoll”. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi sodisfatta li gew pruvati skond il-ligi l-estremi tar-reat ta’ offiza hafifa volontarja fuq il-persuna tal-mara fit-termini tal-Artikoli 221(1) u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel qorti hekk sabet lill-appellant hati, u din il-Qorti qed tikkonferma dik id-decizzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ sena tal-liberta` kundizzjonata skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 jibda jiddekorri mill-lum. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta’ ghoxrin lira (Lm20), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f’erbat ijiem detenzjoni.

Aldo Testone
Dep.Registratur

---

[1] Dwar l-origini ta’ din il-massima fid-dritt penali Ingliz ara Cadoppi, A., v. *Mens Rea* fid-**<u>Digesto</u>** (U.T.E.T.) IV Edizione, vol. VII Penale.